# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 24 ta' Frar 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

1. **Idris Mohammed Lugman**
2. **Adam Yahya Mohammed**
3. **Taha Adam Ahmed**
4. **David Sunday**
5. **Yusuf Avdallah Ahmed**
6. **Yassen Naser**
7. **Tigani Ali Mohammed**
8. **Alnil Hamid**
9. **Musar Mohammed**
10. **Edregs Osman Fahed**
11. **Elmis Muhammed**
12. **Qamar Al Din Jebreel Abo**
13. **Montaser Motually**
14. **Eers Sadalla**
15. **Adam Ramadan Abdelrahman**
16. **Ibrahim Sulieman Yousef**
17. **Anwar Malik**
18. **Abdul Galeel Ahmed Mohamed**
19. **Musa Abubaker**
20. **Ali Yaaqoub Mostafa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Idris Mohammed Lugman** ta’ 20 sena iben missier u omm mhux maghrufa mwieled Menagil, Sudan nhar il-24 ta’ Ottubru 1999, residenti gewwa c-centru ta’ detenzjoni ta’ Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 19N-016

**Adam Yahya Mohammed** ta’ 24 sena iben missier u omm mhux maghrufa mwieled nahr is-7 ta’ Jannar 1995 gewwa Jashaklg, Sudan, residenti gewwa c-centru ta’ detenzjoni ta’ Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 19O-020

**Taha Adam Ahmed** ta’ 20 sena iben missier u omm mhux maghrufa, imwieled Darader, Katila, Darfour gewwa Sudan, nhar il-5 ta’ April 1999, residenti gewwa c-centru ta’ detenzjoni ta’ Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 19T-075

**David Sunday** ta’ 28-il sena iben Sunday u Esta imwieled nhar il-1 ta’ Jannar 1991 gewwa Abia, Nigeria, residenti gewwa c-centru ta’ detenzjoni ta’ Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 19NN-015

**Yusuf Abdallah Ahmed** ta’ 23-il sena iben missier u omm mhux maghruf imwieled nhar is-7 ta’ Jannar 1996 gewwa Hyban Village, Jabal Nouba, Koordafan, residenti gewwa c-centru ta’ detenzjoni ta’ Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 190-056

**Yassen Naser** ta’ 28-il sena iben Bin ghisa u Saidia mwieled Khimsat, Marokk nhar is-6 ta’ Gunju 1991, residenti gewwa c-centru ta’ detenzjoni ta’ Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 19NN-022

**Tigani Ali Mohammed** ta’ 24 sena bin Missier u omm mhux maghrufa mwieled nahr il-25 ta’ Novembru 1994 gewwa Sudan, residenti gewwa c-centru ta’ detenzjoni ta’ Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 19T-040

**Alnil Hamid** ta' 18-il sena iben missier u omm mhux maghrufa, mwieled nhar il-10 ta' Jannar 2001 gewwa Darfour, Sudan, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 19T-035

**Musar Mohammed** ta' 20 sena iben Mohammed u Hadija mwieled nhar il-1 ta' Jannar 1999 gewwa Darfour, Sudan, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 19HH-033

**Edregs Osman Fahed** ta' 24 sena iben missier u omm mhux maghrufa mwieled nhar il-1 ta' Jannar 1995 gewwa Sudan, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 19O-049

**Elmis Mohammed ta' 17-il sena** iben Muhammed u Aisha imwieled gewwa Magadisan gewwa Somalia nhar 03-01-2002, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru ta' pulizija 19R-047

**Qamar Al Din Jebregel Abo** ta' 26 sena iben missier u omm mhux maghrufa imwieled nhar it-2 ta' Jannar 1993 gewwa Sudan, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 19T-016

**Montaser Motually** ta' 18-il sena iben missier u omm mhux maghrufa imwieled nhar it-23 ta' Awissu 2001 u detentur tan-numru tal-pulizija 19T-044

**Eers Sadalla** ta' 24-il sena iben Filoli u Ataera mwieled Algiers, Marokk nhar it-30 ta' Dicembru 1994, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 19FF-030

**Adam Ramadam Abdelraman** ta' 21 sena iben missier u omm mhux maghrufa imwieled nhar it-2 ta' Jannar 1997 gewwa Darfour, Sudan, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 19T-071

**Sulieman Yousef Ibrahim** ta' 20 sena iben Ibrahim u Abba msieled Abeshi, Chad nhar it-3 ta' April 1999, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 19HH-029

**Anwar Malik** ta' 33 sena iben missier u omm mhux maghrufa mwieled nhar it-2 ta' Gunju

1986 gewwa Darfur,Sudan u detentur tan-numru tal-pulizija 19T-019

**Abdul Galeel Ahmed Mohamed** ta' 38 sena iben missier u omm mhux maghrufa, mwieled nhar it-2 ta' Marzu 1981, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 19O-042

**Musa Abubakar** ta' 21 sena, iben missier u omm mhux maghrufa, mwieled nhar il-4 ta' Mejju 1998 gewwa Jeddah Saudi Arabia, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 19O-031

**Ali Yaaqoub Mostafa** ta' 20 sena iben missier u omm mhux maghrufa mwieled nhar il-1 ta' Lulju 1999, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 19O-039

Akkuzati talli nhar il 28 ta' Ottubru 2019 bejn l-ghaxra ta' filghodu(10:00hrs) u t-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) gewwa c-Centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi:

1. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli fuq propjeta, liema hsara tiskorri l-elfejn u hames mitt euro (2,500 euro) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(a) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxar min-nies jew aktar, migburin, bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm din il-gemgha ma kienitx giet imxewxa minn xi hadd partikolari u aktar talli din il-migemgha ta' nies kellha l-hsieb li taghmel il-fatt li sar u dan bi ksur tal-Artikoli 68(2) u (3) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħallewhx jew fixkluh waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħħlu fi dmirhom, jew billi ġabu fix-xejn jew ħassru dak li ħaddieħor jkun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn din id-dizubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqgha' taħt l-ebda dispożizzjonijiet oħra u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Nakkuzahom aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kissru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta Artikolu 338(dd) ta Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz tal-imputati jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u semghet lil kull wiehed mill-imputati jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk ittrattat.

Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2020, gie registrat is-segwenti verbal:

*"F'dan l-istadju l-imputati kollha fil-kumpilazzjoni numru 649/2019 barra l-imputat Montasser Motually qed jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom.*

*Dr. Bartolo ghall-imputati li qed jammettu jixtieq jirrileva illi huwa mhuwiex tal-parir li jirregistraw tali ammissjoni u wissihom li mhuwiex ta' dak il-parir u l-ammissjoni hija purament ghazla libera taghhom.*

*Il-Qorti wissiet lill-imputati bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghhom u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrihom hija ta' hames snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputati jikkonsultaw mal-avukat difensur taghhom sabiex jaraw jekk iridux jirrevedu l-ammissjoni taghhom."*

Wara li regghet issejhet il-kawza, il-Qorti staqsiet lill-imputati jekk kellhomx hin bizzejjed biex jikkonsultaw mal-avukat difensur taghhom, l-imputati wiegbu fl-affirmattiv u kkonfermaw ukoll l-ammissjoni taghhom.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-partijiet rigward il-piena ghall-imputati li kienu ammettaw l-imputazzjonijiet dedotti kontrihom, kif ukoll semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fir-rigward tal-htija fil-rigward tal-imputat Montaser Motually, li ma ammettiex l-htija tieghu.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, li huma s-segwenti:

1. Saret protesta minn numru ta' immigranti detenuti fic-Centru ta' Detenzjoni ta' Hal-Safi sabiex jinghataw il-liberta fil-bitha tal-istess Centru. F'dan ic-Centru hemm ftit iktar minn 300 mitt detenut.
2. Ghalkemm din il-protesta bdiet b'mod pacifiku, eventwalment zviluppat f'wahda vjolenti, u l-protestanti ikkagunaw danni fl-istess Centru ta' Detenzjoni. Fil-bidu tal-protesta kien hemm madwar 100 immigrant jipprotestaw, izda bil-mod il-mod dawn zdiedu ghal madwar 200 immigrant.

   L-imputati odjerni huma akkuzati li inghaqdu flimkien bil-hsieb li jikkagunaw danni fic-Centru.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

*Fil-konfront tal-Imputati li rregistraw ammissjoni*

Fuq ammissjoni taghhom stess, il-Qorti issib lill-imputati kollha, hlief ghall-imputat Montaser Motually, hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom. Ghalkemm l-avukat difensur taghhom ivverbalizza li huma rregistraw din l-ammissjoni taghhom kontra l-parir legali tieghu, din il-Qorti wissiethom bil-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom, u ssospendiet is-seduta biex setghu jergghu jikkonsultaw mal-avukat difensur taghhom, pero anki wara din il-konsultazzjoni huma regghu ikkonfermaw l-ammissjoni taghhom. Ghalhekk, din il-Qorti, salv ghal dak li se jinghad iktar l-isfel, ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn hija ghandha tiskarta din l-ammissjoni li huma ghazlu li jaghmlu, b'mod liberu.

Pero, l-abbli difensur tal-imputati ivverbalizza li *"d-difiza xorta tirrileva illi kwantu ghall-ewwel imputazzjoni u cioe dik li tirrigwarda l-hsara volontarja, x-xhud Joe Muscat minn fol.155 et seq. tal-process, filwaqt li xehed dwar l-allegati hsarat u taghhom esebixxa dokument immarkat JM2 a fol.158 tal-process, minn analizi tal-process jirrizulta illi l-unici ammonti illi huma supported b' ircevuti jew quotations huma t-tieni item (metal for repair) ta' 760 euros a fol.166 tal-process, it-tielet item (padlocks) fl-ammont ta' 265 euros bl-ircevuta a fol.163 tal-process u l-item wood for partitions bl-ircevuta a fol.159 tal-process fl-ammont ta' 700 euros. L-ammonti l-ohra li jinsabu f'Dok. JM2 u kif ukoll l-ircevuti l-ohra minn fol.160 et seq. ma jaqblux ma' xulxin u ma jissemmew imkien u quindi l-*

*unika ammonti, l-unici ammonti li l-Qorti tista tistrieh fuqhom bhala prova jammontaw ghall-1725 euros. Din is-sottomissjoni qeghda ssir limitatament ghall-finijiet tal-piena, peress illi l-akkuzati in kwistjoni ammettew il-fatt innifsu tal-hsara."*

Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza. Jekk wiehed janalizza l-ispejjez l-ohra indikati mix-xhud Joseph Muscat[1], wiehed isib illi ghalkemm fil-lista hemm indikat *"15 bunk beds @ 150 Euro"* ghal total ta' €2250, l-unika fattura rigwardanti soddod hija ghal 219 *camp beds* bil-prezz ta' €75.00-il wahda ghas-somma totali ta' €16,425.00[2] Ghalkemm mill-provi jirrizulta li fl-incident in kwistjoni tkissru xi soddod tal-hadid, ma giet prodotta l-ebda prova ta' kemm-il sodda nkissret u x'tip ta' soddod kienu. Din id-diskrepanza enormi bejn in-numru u t-tip ta' soddod fil-lista totali tal-ispejjez u l-fattura ghas-soddod ma giet bl-ebda mod spjegata mix-xhud Joseph Muscat, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax f'dan l-istat tal-provi tikkwantifika d-danni sofferti minhabba li gew imkissra s-soddod.

Rigward it-talba ghal hlas ta' television wiehed fl-ammont ta' €269.00 giet ezebita stima ghal tlett (3) televisions Toshiba 40" Full HD Smart TV bil-prezz ta' €269.00 il-wiehed.[3] Mill-provi prodotti, ma jirrizultax li fl-incident inkiser xi television, u wisq inqas jekk inkiser, x'tip ta' television kien. Ghalhekk, f'dan l-istat tal-provi, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' din l-allegazzjoni li nkiser xi television.

L-istess jinghad ghall-allegazzjoni li gew imkissra xi CCTV cameras li skont il-*quotation* ezebita[4] jammontaw ghal €981.76. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li fl-incident inkissru xi CCTV cameras u/jew accessorji taghhom. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' din l-allegazzjoni.
Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ma tistax issib lill-imputati hatja tal-ewwel imputazzjoni kif formulata, u cioe li l-ammont ta' danni jiskorri is-somma ta' €2,500, bi ksur tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali, izda issibhom hatja taht l-Artikolu 325(1)(b), stante li mill-provi migjuba jirrizulta li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix €2,500, iżda huwa izjed minn €250.00.

*Fil-Konfront tal-Imputat Montaser Motually*

L-imputat Montaser Motually ma ammettiet ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrieh. Hlief ghax-xhud Christian Testa, li ma ikkumenta xejn fuq dan l-imputat, l-ufficjali tad-detenzjoni tac-Centru ta' Hal-Safi l-ohra kollha li kienu xhieda okulari, qalu li dan l-imputat ma ippartecipax fil-kommissjoni ta' dawn

[1] Ara Dok JM2 a fol. 158 tal-process.
[2] Ara fol. 165 tal-process.
[3] Ara fol. 164 tal-process.
[4] Ara fol. 160 tal-process.

ir-reati. Dawn huma Anthony Fava,[5] Joseph Muscat[6], Ronald Schembri[7] u Merton Camilleri.[8] L-unika xhud li esprima dubbju huwa Luke Cricchiola, li prattikament irnexxielu jiftakar kull imputat x'ghamel waqt il-protesta, pero rigward l-imputat Motually qal hekk: *"ghand dubju kbir, kbir fuq dan l-immigrant. Jekk kienx qieghed parti fil-protesta jew beda jipprova jikkalmahom min-naha ta' gewwa. Ghandi dubju kbir fuqu."*[9]

Din il-Qorti ftit ghandha xi tghid fir-rigward. Apparti li l-imputat Motually xehed li hu ma ha sehem bl-ebda mod f'din il-protesta u baqa' il-hin kollu gewwa l-compound, sakemm gie ordnat biex johrog fil-bitha mill-forzi tas-sigurta, erba' xhieda okulari tal-Prosekuzzjoni kienu kategorici li dan l-imputat ma ikkommetta l-ebda reat, u x-xhud Cricchiola esprima *"dubju kbir"* jekk kienx parti fil-protesta. F'dan l-istat tal-provi, mhux biss il-Prosekuzzjoni ma ippruvatx sal-grad rikjest fil-kamp kriminali l-imputazzjonijiet dedotti kontra dan l-imputat, izda frankament din il-Qorti ma tistax tifhem kif il-Prosekuzzjoni waslet ghall-konkluzjoni li kellha provi bizzejjed li jikkostitwixxu suspett ragonevoli f'dan l-imputat u tressqu quddiem din il-Qorti u tixlieh bl-imputazzjonijiet li xlietu bihom.

Ghaldaqstant, l-imputat Motually, se jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena tal-Imputati li rregistraw Ammissjoni**

Rigward il-piena, din il-Qorti ma tistax tqisha bhala wahda bikrija, stante li saret wara diversi seduti u wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi, u l-kawza qieghda fl-istadju tal-provi tad-difiza.

Il-fedina penali taghhom ma gietx ezebita mill-Prosekuzzjoni, pero din il-Qorti ma tistax tikkunsidra li allura fin-nuqqas ghandhom fedina penali netta, ghaliex l-imputati ilhom hawn Malta biss ftit xhur, u huwa prattikament impossibli ghal Prosekuzzjoni li tottjeni l-fedina penali mill-pajjizi fejn kienu jghixu qabel.

Il-Qorti qieset li l-imputazzjonijiet principali huma l-ewwel imputazzjoni (danni volontarji) pero bil-kwalifika kif fuq inghad, u t-tieni imputazzjoni (gemgha ta' nies kontra l-ligi). Bl-applikazzjoni tar-

[5] Ara fol. 96.
[6] Ara fol. 107.
[7] Ara fol. 117.
[8] Ara fol. 127.
[9] Ara fol. 140.

regoli tal-konkors tal-pieni, l-imputazzjonijiet l-ohra, li huma ta’ natura kontravenzjonali, ghandhom jitqiesu assorbiti fil-pieni ta’ dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 2020, l-imputati li ammettew skuzaw ruhhom pubblikament ghall-akkadut u fissru lill-Qorti li jiddispjacihom ghal kull inkonvenjent. Huma wkoll urew l-apprezzament taghhom u rringrazjaw l-operations manager Joseph Muscat u l-istaff kollu ta' Hal Safi, tal-ordni tas-sigurta u tal-pulizija ghax-xoghol taghhom.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li fl-istess seduta l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi fid-dawl tal-ammissjoni u anke fid-dawl tal-iskuza pubblika taghhom ihoss illi l-piena ta' 22 xahar prigunerija tkun piena idonea.

Pero, l-Ufficjal Prosekutur kien qed jibbaza s-sottomissjoni tieghu dwar il-piena fuq l-assunzjoni li l-imputati se jinstabu hatja taht l-Artikolu 525(1)(a) tal-Kodici Kriminali, kif huma gew mixlija fl-ewwel imputazzjoni, u mhux taht l-Artikolu 525(1)(b) tal-Kodici Kriminali, kif ghar-ragunijiet fuq spjegati l-imputati instabu hatja. L-Artikolu 525(1)(b) jippreskrivi piena hafna iktar miti ta’ prigunerija minn tminn xhur sa erbatax-il xahar. Din il-piena trid tizdied bi grad, ai termini tal-Artikolu 68(3) tal-Kodici Kriminali, u allura l-piena erogabbli hija dik minn disa’ xhur sa tmintax-il xahar prigunerija.

Fir-rigward tal-imputat Elmis Mohammed, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li dan l-imputat kellu sebatax (17)-il sena meta kkommetta dawn ir-reati, u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 37(2) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti se tnaqqas il-piena tieghu bi grad.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. issib lill-imputat Montaser Motually mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u qieghda tilliberah minnhom;

2. wara li rat l-Artikoli 68, 338(ee) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati l-ohra kollha hatja tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, u fil-waqt li ma ssibhomx hatja tal-ewwel imputazzjoni in kwantu ibbazata fuq l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9, issibhom hatja tar-reat kompriz u involut kontemplat fl-Artikolu 325(1)(b) tal-istess Kapitolu.

3. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tikkundanna lill-hatja, hlief lil Elmis Muhammed, ghal piena ta' sena prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hatja ghamlu taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati, u b'dan li ma ghandux jitnaqqas xi zmien li fih huma kienu qed jiskontaw xi sentenza ohra ta' prigunerija.

4. Fil-kaz tal-hati Elmis Mohammed, il-Qorti tikkundannah ghal piena ta' disa' (9) xhur prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati, u b'dan li ma ghandux jitnaqqas xi zmien li fih hu kien qed jiskonta xi sentenza ohra ta' prigunerija.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**